# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022

**Rikors Numru : 451/2021JPG**

**Kawza Numru : 9**

**PA**

**U**

**CA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' PA u CA, datat 30 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremettew hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u dan kif jirrizulta mill-annessa kopja tac-certifikat taz-zwieg markat Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem KA, illum maggorenni;*

3. *Illl-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u wiehed u ghixrin (2021), kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok.B;*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minkejja li sseparaw de lege fit-12 t'Awwissu 2021, ilhom separati de facto ghal aktar minn sena u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Ghaldaqstant*** *l-esponenti umilment jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet (Fol 15) fejn iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi xi jressqu u ghalhekk stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**PA** xehdet (vide fol 16) li in segwitu taz-zwieg taghhom fl-10 ta' Lulju 1998, l-kontendenti sseparaw bonarjament fit-12 t'Awwissu 2021 waqt li ilhom separati de facto ghal aktar minn sena. Tghid li ma hemm ebda prospett ghal rikoncilazzjoni bejniethom tant li llum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. Ikkonfermat wkoll li ma hemm ebda manteniment dovut

bejniethom u li l-manteniment ghat-tifel taghhom dejjem thallas u ma hemmx arretrati dovuti.

**CA** xehed (vide fol 17) u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu***

***57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Lulju 1998, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1190/1998 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 2); u li minn dan iz-zwieg twieled tifel, llum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-12 t'Awwissu 2021 fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana (vide Dok B, a fol 3 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1190/1998 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**